MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-7 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 272/2002/1

**Avviz numru 272/2002DM**

**Jeanne Borg**

**vs**

**Avukat Dr. Patrick Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ hamest elef liri Maltin (Lm5000) dovuta minnu bhala bilanc fuq import ta’ tlett kambjali (Dok A, B u C) li skadew rispettivament fit-18 ta’ Dicembru 2000, fis-26 ta’ Dicembru 2000 u fit-2 ta’ Jannar 2001;

Bl-imghax mid-data ta’ kull skadenza u bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra legali tas-6 ta’ Marzu 2002, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll l-kambjalijiet originali esebiti mill-istess attrici, u rat in-noti tar-riduzzjoni tas-sorte issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qeghda ghalhekk tilqa t-talba attrici; u

Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma mitluba kif ridotta ta’ erba telef lira Maltin (Lm4000) bl-imghaxijiet legali b’effett mid-data ta’ kull skadenza ta’ kull kambjala;

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------